

32006D0060

L 31/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

3.2.2006

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Frar 2006

**li temenda l-Anness C għad-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE dwar kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijoni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi ta' l-ifrat**

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 193)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2006/60/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijoni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi ta' l-ifrat <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari tal-Artikolu 16 ta' għha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tistabbilixxi kondizzjonijiet ta' saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijoni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi ta' l-ifrat.
- (2) Dik id-Direttiva tippredvi, *inter alia*, li l-embrijoni ta' l-ifrat m'għandhomx jintbagħtu minn Stat Membru għall-ieħor sakemm ma jkunx ġew ikkonċeputi permezz ta' inseminazzjoni artifiċjali jew fertilizzazzjoni *in vitro* b'sperma minn raġel donatur li jinsab fil-post tal-ġbir ta' l-isperma approvat mill-awtorità kompetenti għall-ġbir, l-ipproċessar u l-ħażna ta' l-isperma jew b'sperma importata skond id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1988 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju u għal importazzjonijiet ta' deep frozen semen ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi tal-bovini <sup>(2)</sup>.
- (3) Iċ-ċertifikat mudell tas-saħħa ta' l-annimali għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' embrijoni ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi ta' l-ifrat huwa stabbilit fl-Anness C għad-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE. Dak iċ-ċertifikat ma fihx xi rekwiżiti speċifiċi dwar l-isperma li ntużat għall-fertilizzazzjoni.
- (4) Kien hemm problemi fil-kummerċ ta' l-embrijoni b'mod partikolari wara l-adozzjoni ta' regoli aktar stretti għad-dħul tal-barrin fiċ-ċentri tal-ġbir ta' l-isperma fid-Direttiva 88/407/KEE, kif emendata mid-Direttiva 2003/43/KE <sup>(3)</sup>.

- (5) Sabiex il-problemi għaċ-ċertifikazzjoni jistgħu jiġu evitati, għandu jiġi inkluż rekwiżit addizzjonali għaċ-ċertifikazzjoni fiċ-ċertifikat mudell tas-saħħa ta' l-annimali attwali li jipprevedi obbligazzjoni li l-isperma li tintuża għall-fertilizzazzjoni tikkonforma mad-Direttiva 88/407/KEE.
- (6) Id-Direttiva 89/556/KEE għandha, għalhekk, tiġi emendata skond dan.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

L-Anness C għad-Direttiva 89/556/KEE hu mibdul bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika mit-23 ta' Frar 2006.

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Frar 2006.

Għall-Kummissjoni  
Markos KYPRIANOU  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠUL 302, 19.10.1989, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠUL 122, 16.5.2003, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠUL 194, 22.7.1988, p. 10. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/16/KE (ĠUL 11, 17.1.2006, p. 21).

<sup>(3)</sup> ĠUL 143, 11.6.2003, p. 23.

## ANNEX

## "ANNEX C


## KOMUNITÀ EWROPEA

## Ċertifikat għall-kummerċ Intra Komunitarju

Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta	I.1. Kunsinnatur <input type="checkbox"/> Isem Indirizz Kodiċi Postali		I.2. Numru ta' Ċertifikat ta' riferenza		I.2.a. Numru lokali ta' riferenza:			
			I.3. Awtorita Ċentrali kompetenti					
			I.4. Awtorita lokali kompetenti					
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali		I.6. Numru/I ta' ċertifikati oriġinali					
			I.7.					
	I.8. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.9. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi	I.10. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.11. Reġjun ta' destinazzjoni	Kodiċi
	I.12. Pajjiż ta' oriġini/Pajjiż ta' ħsad Korp approvat <input type="checkbox"/> Tim embrijoniku <input type="checkbox"/>  Isem Numru approvat Indirizz Kodiċi Postali		I.13. Post ta' destinazzjoni Korp approvat <input type="checkbox"/> Tim embrijoniku <input type="checkbox"/> Fond <input type="checkbox"/> Oħrajn <input type="checkbox"/>  Isem Numru approvat Indirizz Kodiċi Postali					
	I.14.		I.15.					
	I.16. Mezz ta' trasport Ajruplan <input type="checkbox"/> Vaxxel <input type="checkbox"/> Vagun <input type="checkbox"/> Vejikolu tat-triq <input type="checkbox"/> Oħrajn <input type="checkbox"/> Identifikazzjoni		I.17.					
	I.18. Speċi ta' animal/Prodott			I.19. Kodiċi tal-Komodita (Kodiċi CN)		I.20. Numru/Kwantita		
	I.21.			I.22. Numru ta' pakketti				
	I.25. Animali ċertifikati/prodotti ċertifikati għal: Riproduzzjoni artifizjali <input type="checkbox"/>							
	I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz <input type="checkbox"/> Pajjiż terz Kodiċi ISO Post ta' ħruġ Kodiċi Post ta' dħul Numru tal-BIP unit:			I.27. Tranżitu minn Pajjiżi Membri <input type="checkbox"/> Stat Membru Kodiċi ISO Stat Membru Kodiċi ISO Stat Membru Kodiċi ISO				
I.28. Esportazzjoni <input type="checkbox"/> Pajjiż terz Kodiċi ISO Post ta' ħruġ Kodiċi			I.29.					
I.30.								
I.31. Identifikazzjoni tal-prodotti ta' l-animali Speċi (Isem xjentifiku) Marka ta' identifikazzjoni Kategorija Numru ta' approvazzjoni ta' l-iskwadra								

## IL-KOMUNITÀ EWROPEA

## L-embrijoni bovini domestiċi

Parti II: Ċertifikazzjoni	II. Informazzjoni sanitarja	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Numru ta' referenza lokali
	<p>Jien, hawntaht iffirmat, il-veterinarju uffiċjali, b'dan niċċertifika li l-embrijoni deskritti f'dan iċ-ċertifikat:</p> <p>II.1 ġew miġbura, ipproċessati u maħżuna b'konformità ma' l-Anness A għad-Direttiva 89/556/KEE.</p> <p>II.2 ġew mibgħuta fil-post tat-tagħbija f'kontenituri ssiġillati skond l-Anness A għad-Direttiva 89/556/KEE.</p> <p>II.3 ġew mid-donaturi ta' l-ispeċi bovini li jikkonformaw ma' l-Anness B għad-Direttiva 89/556/KEE.</p> <p>II.4 kienu ikkonċeputi jew permezz ta' inseminazzjoni artifiċjali jew b'fertilizzazzjoni <i>in vitro</i> <sup>(1)</sup> bl-użu ta' sperma ġeġja minn ċentri tal-ġbir ta' sperma jew tal-ħżin approvati skond id-Direttiva 88/407/KEE u li tinsab fi Stat Membru tal-Komunità Ewropea jew f'pajjiż terz elenkat fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/639/KE <sup>(1)</sup> <sup>(2)</sup>.</p>	<p><b>Noti</b></p> <p>(1) Fassar kif meħtieġ.</p> <p>(2) ĠU L 292, tal-15.9.2004, p. 21.</p> <p>(3) [Kaxxa I.6. fil-Parti I]: Fil-każ ta' l-embrijuni importati, daħħal in-numru taċ-ċertifikat ta' importazzjoni.</p> <p>(4) [Kaxxa I.31. fil-Parti I]: Marka ta' identifikazzjoni li tikkorrispondi għad-dettalji li jidentifikaw il-baqar donaturi u d-data tal-ġbir. Kategorija: speċifika jekk kienx hemm (a) penetrazzjoni jew (b) non-penetrazzjoni taż-<i>żona pellucida</i>.</p>	<p>Il-veterinarju uffiċjali</p> <p>Isem, (b' ittri kbar)</p> <p>Unità Veterinarja Lokali:</p> <p>Data:</p> <div style="display: flex; justify-content: space-around; align-items: center;"> <div data-bbox="236 1361 434 1556" style="text-align: center;">  <p>Timbru</p> </div> <div data-bbox="667 1444 821 1518" style="text-align: center;"> <p>Kwalifika u titlu: Nru ta' l-LVU: Il-firma:'</p> </div> </div>